**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Marzu, 2016

Rikors Nru : 519/15 AL

**AB**
***vs***

**Cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewwget lill-intimat fid-disgha (9) ta' April tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) (Certifikat taz-zwieg anness u markat Dokument 'A');

Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Dottor Nicholas Vella fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (kopja annessa u markata Dokument 'B');

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, KD li twieldet fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija erbgha u disghin (1994) u MD li twieldet fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999). Il-manteniment dovut ghalihom qed jithallas regolarment mill-intimat;

Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu jew jircievu l-manteniment minghand xulxin;

Illi sallum ghaddew aktar minn seba' (7) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Andrea Santonocito bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Dicembru 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat imsejjah tlett darbiet ma deherx u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi

ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Settembru 2013 u ilhom de facto separati ghal aktar minn seba' snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.